Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 8
## Tnejn 16 ta'Dicembru 2019

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-5:00pm .

### PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Vici Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

08.1.01 Il-Kunsilliera, kienu kollha preżenti.

**8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

8.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L8-07 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezzjoni fil-minuti 07.5.25.
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

**8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

8.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li go Dar tal-Anzjani f'jum il-Milied se ssir ikla u jekk hemm min jaf b'anzjani li jinsabu waħidhom, dawn jistgħu jgħidilhom u javża jekk humiex se jattendu.
Is-Sur Maurice Agius qal li fiċ-Ċentru Parrokkjali se ssir ikla oħra minn Grupp Kariżmatiku, fit-28 ta'Diċembru fejn jistgħu jagħmlu l-stess.

**8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

8.4.01 B'referenza għall- minuti 7.3.12 Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm risposta, min TM dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-Traffic Managment propost minn Triq Sliema sa l- Gżira

Is-Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li għada ma ġietx risposta.

8.4.02 B'referenza għall-minuti 7.3.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm aktar applikazzjonijiet għal permess ta'Kjosk ġo Triq il- Wied.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma kienx hemm aktar talbiet filwaqt, li kiteb lill-applikant li l-Kunsill ma jistax joħroġ permessi bħall dawn u fl-stess ħin qed ssib oġġezzjoni għal dawn it-tip ta'permessi.

8.4.03 B'referenza għall-minuti 7.4.01 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, jekk il-contracts manager kienx beda.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li dan beda bix-xogħol tiegħu skond kif deskritt fit-tender mill-ewwel Tnejn ta'Diċembru.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hux possibbli ssir laqgħa biex l l-membri tal-kunsill jiltaqgħu miegħu u jkunu jistgħu jiltaqgħu miegħu ssiru jafuh.
Is-Segretarju eżekuttiv ħa nota biex din tkun tista' ssir waqt is-seduta li jmiss.

8.4.04 B'referenza għall- minuti 7.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar verifika tal-kontijiet tal-Kuntrattur.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Perit qed taħdem fuqhom u kif dawn ikunu lesti se jiddiskuti mal-Kunsill qabel ma jintbagħat kollox id-dipartiment.

8.4.05 B'referenza għall minuti 7.4.03 Is-Sur Maurice Agius qal li sitwazzjoni tal-bankina, temporanja ġo Triq Clarence. baqgħet l-stess.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma jista' jagħmel xejn ħlief jerġa jkellem lill-kuntrattur u jagħmel rapport ieħor, lill kull awtorità konċernata biex din ssir.

8.4.06 B'referenza għall minuti 7.4.08 is-Sur Charles Selvaggi qal li kienet ħarġet ċirkulari fejn anke, jekk ikun hemm assenza l-allowance tal-Kunsilliera għanda toħroġ xorta.
Is-Segretarju wieġeb li se jara iċ-ċirkulari, qabel ma jagħti tweġiba.

8.4.07 B'referenza għall minuti 7.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi, dwar proposta tal-I.M għall- traffic management ġdid fl-inħawi ta'Skate Park.
Is-Segretarju wieġeb, li wara li kien kiteb sal-ġurnata ma kienx hemm aktar żviluppi.

8.4.08 B'referenza għall- minuti 7.4.11 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żviluppi, dwar l-alignment ta'triq propost faċċata tal-MUSEUM tas-subien ġo triq Xatt l-Imsida.

Is-Segretarju wieġeb li wara li kien bagħat l-oġġezzjoni fuq il-pedestrian crossing sal-ġurnata, ma kienx hemm aktar żviluppi.

8.4.09 B'referenza għall-minuti 7.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li l-applikazzjoni għall-skema 1/ 2019, Għajnuna Finanzjarja għall Milied mir-Reġjun Ċentrali ġiet approvata sa' massimu ta'€2500.

8.4.10 B'referenza għall- minuti 7.5.14 is-Sur Charles Selvaggi staqsa min- meta l- Video on Demand Live Stream se tkun fis-seħħ.

Is-Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li dan jista' jibda minn Jannar 2020.

8.4.11 B'referenza għall- minuti 7.5.22 dwar applikazzjoni għall- disabled parking ġo Triq Xatt l-Imsida. Is-Sur Maurice Agius għarraf lill-Kunsilliera preżenti, li l-applikazzjoni qed tiġi proċessata'.

8.4.12 B'referenza għall- minuti 7.5.23 dwar tabelli indikattivi Kappella tal-Kunċizzjoni. Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk saritx talba, lill-awtorità responsabbli.
Is-Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li ħa risposta fejn din tista' ssir mill- Kunsill.

8.4.13 B'referenza għall- minuti 7.5.24 dwar Comunal disable parking ġo Misraħ il-Barrieri. Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk saritx l-applikazzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-applikazzjoni saret u li ma ġietx aċċettata, minħabba li ġa hemm waħda fil-viċinanzi li tista' tintuża min- kullħadd.

8.4.14 B'referenza għall- minuti 7.5.25 dwar residential parking Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, jekk saritx korrispondenza mal-Ministru biex il-Kunsill, jingħata risposta jekk kienx hemm deċiżjoni definittiva li dawn ma għandhomx ikunu approvati aktar u jekk dawn hux se jibqgħu fil-lokalitajiet oħra.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu li minħabba li jista' jkun hemm xi tibdil fil-kabinett, din għanda ssir lejn l-ahhar ta'Jannar 2020.

8.4.15 B'referenza għall-minuti 7.5.27 dwar is-sehem tal-għaqdiet lokali u l-Kunsill, fl-attivitajiet. Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-attività fil-Pjazza, għall- Ġimgħa Mqaddsa u spjega li din se tiġi tiswa' 500 Euro.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li skond il-pjan ta' ħidma fil-budget 2020, hemm allokat ammont ta' fondi għal dawk l-attivitajiet tal-Kunsill. Li jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet u voluntiera. Dan huwa l-ammont totali li jista' jintuża matul is-sena għall-attivitajiet, approvata mill-Kunsill.

8.4.16 B'referenza għall- minuti 7.5.28 dwar id-dawl, fuq il-pedestrian crossing ta' Triq il-Baċir. Is-Sur Maurice Agius qal li għall-anzjani u residenti aħjar tkun aktar l-isfel għax ħafna drabi ma joqgħodux jitilgħu, sa' ħdejha biex jaqsmu u hemm ikun jista' ssir id-dawl.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jista' japplika ma' TM biex din tinżel l-isfel. Iżda mhux se jaqbad u imexxi jekk ma jkunx hemm permess, ta' l-awtorità.

Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk tistax ssir Bye Law kif kien ssuġġerita waqt laqgħa mal-President tal-AKL biex ikun definiti ir-regolamenti u l-obbligazzjonijiet tal kuntratturi filwaqt li f'każ ta nuqqasijiet ikunu hemm garanziji jagħmlu tajjeb għalihom.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li fil-mument qed ssir xogħol mil-BRO f'dan ir-rigward u oħrajn permezz tal-avukati tagħhom biex tkun emendata il-leġislatura preżenti.

8.4.17 B'referenza għall- minuti 7.5.28 Is-Sur Jean Claude Borg ta'dettalji lill-Kunsilliera preżenti dwar l-attività li saret fit-8 ta'Diċembru, fejn qal li għalkemm din kienet tajba seta' kien hemm aktar konkorrenza mir-residenti.

Il-Kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar kif ir-residenti jistgħu ikunu mgħarrfa, dwar l-attivitajiet li ssiru.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-residenti ta' mad-dawra kienu ġew infurmati b' mod indirett permezz ta'nota li se tingħalaq it-triq minħabba l-attività. Hawn kompla jispjega li l-pulizija ġibdet l-attenzjoni li għall kull attività l-pulizija għanda tkun nfurmata sew, min qabel b'mod speċjali meta tkun attività esterna u tkun se tingħalaq it-triq.

8.4.18 B'referenza għall- minuti 7.5.32 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar iż-żjara tal-Isqof Awżiljarju, fiċ-Ċentru għall- anzjan fejn għarraf lill- Kunsilliera preżenti li din kienet okkażjoni sabiħa.

8.4.19 B'referenza għall- minuti 6.5.10. Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fhiex waslu l-Avukati, bil-proposta għall- Bye law dwar xorb alkoħoliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li ma għandux informazzjoni u ħa nota.

8.4.20 B'referenza għall-minuti 5.4.11 is-Sur Alfred Farrugia qal li kien deċiż, li ssiru l-pompi tal-funtana ta' Rue D'Argen fejn ġa hemm stima, għall- pompi ġodda u staqsa meta dawn se jsiru.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb, li kien intalab rapport ta'ħsarat u stimi għall xogħol ta'tiswija mil-MTIP iżda għad ma hemmx risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-estimi finanzjarji 2020 li għad rridu jiġu diskussi u approvati mill- Kunsill qed jinkludu wkoll ix-xogħol li hemm bżonn, issir fil-funtani skond il-pjan ta'ħidma propost. Tajjeb wkoll li tkun nnotata’, li dawn ilhom hemm żmien u jista’ jkun hemm bżonn li tinbidel is-sistema kollha u mhux il-pompi biss. Għalhekk, irridu ssiru aktar stimi wara li min ikun interessat jagħmel ix-xogħol jara x hemm bżonn ssir.

**8.5 Items oħra ta’ Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

8.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tgħat id-dettalji lill Kunsilliera preżenti dwar il kunċert Annwali tal-Milied organizzat mill-Kunsill fejn l-spiża, se tkun ta' 250 euro u li ser isir wara li tispiċċa il-purċissjoni bil-bambin.
Il-Kunsilliera preżenti, ddiskutew u approvaw unanimament.

8.5.02 B’referenza għall- minuti 7.5.19 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-Mejda, erbgħa stimi fejn tista’ ssir l-attività' tal-Milied għal Kunsilliera w l- impjegati nhar l-4 ta'Jannar 2020.

Il-Kunsilliera, preżenti ddiskutew u qablu ma stima numru 2.

8.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza, mingħand MESDC u spjegat li matul il-leġislatura preċedenti l-Kunsill kien applika taħt skema biex jingħata numru ta' siġar u pjanti biex jitħawwlu ġo diversi żoni ġo l-Imsida. U għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill ġabar 225 min dawn bejn 5 speċi differenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn inġabru biex ma jintilfux u fil-mument, qed jiġbor stimi biex dawn jitħawwlu. Hawn kompla jispjega li s-sejħa għat-tender għall- manutenzjoni tal-ġonna għalqet fejn kien hemm żewġt offerti li għad rridu jiġu kunsidrati, skond il-kriterji mitluba
Is-Sur Alfred Farrugia qal li bħalissa hemm ġardinar li beda jagħmel xogħol ta'żbir fuq dawk l-stimi ġa approvati mill-Kunsill u li sakemm l-offerta tkunu deċiża, dan jista’ jintalab stima għat - tħawwil ta'dawn is-siġar u pjanti ħalli ma ssirx ħsara jew imutu.

Il-Kunsilliera preżenti, qablu li s-siġar u pjanti jitħawwlu

8.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet, fuq il-mejda talbiet għall- ħsarat fuq tyres ta' vetturi ġo triq Xatt ta'Xbiex.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li matul is-sena, sar ħafna xogħol ta'patching li jispiċċa dejjem jinqala fil-maltemp. Kif kien diskuss kemm il-darba f'seduti preċedenti l-ħsara li hemm fit-triq jitlob li din tinbena mill-ġdid minħabba li sfrondat u ħsarat oħra fis-sistema ta'drenaġġ li kif ġa rimarka il-kunsillier Alfred Farrugia qed twassal biex ikun hemm riħa qawwija ta drenaġġ u tniġġis fil-baħar. Hawn kompla jispjega li l-Kunsill ma jistax ikompli jieħu responsabiltà ta' triq li tara numru kbir ta'vetturi ta' kull tip. Għalhekk fin-nuqqas jew id-dewmien biex l-awtoritajiet, responsabbli jagħmlu dan ix-xogħol qed jissuġġerixxi biex il-Kunsill jieħu parir tal-Avukat dwar dawn it-talbiet.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-Kunsill ikellem lill-Avukat, dwar it-talbiet u fl-stess ħin jitlob lill Infrastructure Malta u l-Water Services, biex jieħdu azzjoni.

8.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li hemm problema ġo l-Għajn tal-Ħasselin. U poġġiet fuq il-mejda żewġt stimi biex ikun diskuss it-tindif tal-għajn u l-kulverts mill- ħama. Li tammonta għall- 3500 Euro jew tindif tal-gandott b'il-power jet sa' fejn jilħaq għal 280 euro,iżda mhux garantit li dan jista' jsolvi il-problema. Hawn kompliet tispjega li fis-sajf saru xi kuntatti oħra fejn iltaqgħu fuq il-post ma rappreżentanti, tal-WSC biex forsi dawn jagħmlu ix-xogħol iżda sal-ġurnata għadu ma kienx hemm risposta li dan se ssir.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li għall- mument għandu ssir it-tindif b'il power jet filwaqt li għandu ssir wkoll kuntatt biex ikun konfermat jekk dan ix-xogħol hux se jsir min nies tal-WSC jew le qabel tittieħed deċiżjoni fuq it-tindif tal-ħama. Li jista' ssir għall- ħabta ta' April u fl stess ħin jiġu installati pompi biex jgħin iċ-ċirkulazzjoni tal-ilma u jnaqqas il-ħdura.

8.5.06 Is-Sinjura Judy Sciberras qalet li ġiet mgħarrfa min residenti fejn qalulha li hemm xi persuni qed jaqbżu ġo l-skola magħluqa.
Is-Sur Maurice Agius qal li għandu ssir, rapport lid-dipartiment tal-Edukazzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, biex jagħmel rapport filwaqt li talab biex meta jaslu llmenti bħal dawn tajjeb li r-residenti ikunu infurmati, li meta jaraw affarijiet bħal dawn ikun aħjar jekk iċemplu mal-ewwel lill-pulizija jew il-Kunsill biex jagħmlu rapport lill pulizija ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni aħjar .

8.5.07 Is-Sinjura Judy Sciberras għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li tkellmet mal- Head mistress u anke ma' uffiċjal tal-LEAP u ssuġġeriet li ssir laqgħa, ma dawn b'il-għan li jkun hemm aktar kollaborazzjoni f'qasam komuni.

8.5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera preżenti li l-kumitat finanzjarju iltaqa' f'Diċembru u ddiskuta il-proposti għall- estimi finanzjarji 2020 u poġġa kopja ta'rakkomandazzjoni, fuq il-mejda (Doc:1,2&3 ,annessa).Dawn huma maħduma biex jibdew jitwettqu dawk il-proposti kollha mressqa fil-pjan ta'ħidma preżentat waqt il-laqgħa pubblika li saret fit-30 ta'Settembru (Doc:2).Hawn kompla jispjega, li sal-ġurnata id-dettalji u l-ammont għall-Allokazzjoni għas-sena 2020 għada ma ġietx mgħoddija mid-Dipartiment,għalhekk dawn ma humiex l-ammonti finali u jista' jkun hemm xi tibdil (Doc:3).Hawn kompla jispjega, li kif jidher f' (Doc:1) il-popolazzjoni mistennija tiżdied u huwa kalkulat, li din se twassal għall spiża akbar f'tipping fees.Skond kif ġa ġie mħabbar waqt l-konferenza relatata mas- suġġett li saret f'Novembru, Minn din is-sena kurrenti, dik id-differenza li qabel kien iħallas id-dipartiment issa se tiġi mgħoddija lill Kunsilli biex jieħdu ħsieb il-ħlas kollu dovut lill Waste Serv. Iżda qed jistenna, li jkun hemm aktar dettalji meta toħroġ iċ-ċirkulari tal-allokazzjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qabblu mal-proposti biex ikunu inklużi mall-estimi finanzjarji. Wara li toħroġ l-allokazzjoni għas-sena 2020 dawn għandhom ikunu preżentati għall- approvazzjoni tal-estimi f'seduta tal-Kunsill li jmiss.

**8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

8.6.01 Rapport u kummenti tal-Awditur Ġenerali għass-sena 2018 ittieħdu bħala moqrija.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-kunsill bagħat ir-rapporti tiegħu fi żmien mitlub u li kien hemm kumment dwar parti mir-rapport li ma kienx skont l-IFS fejn dan issa ġie rranġat. Filwaqt li matul din is-sena kurrenti qed jara li x'wħud mis-suġġerimenti jew kummenti fil-management letter ikunu ġew indirizzati.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**8.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

8.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-08 ta' ħlasijiet bejn ls-7 ta'Novembru u il- 11 ta'Diċembru għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Nicholas Joseph Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti, iddiskutew u approvaw unanimament

**8.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

8.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-6:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 20 ta' Jannar 2020 fil-5:30 pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |